MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 183/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anton Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anton Vassallo talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

(1) Fis-6 ta' Mejju 2003, ghall-habta ta' bejn l-erbgha u s s-itta ta' wara nofs in-nhar, f'B'Bugia, flimkien ma' persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' vettura tal-marka Toyota Starlet GT bin-numru tar-registrazzjoni LCH-218, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf

lira Maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Alex Debarro minn B'Bugia;

(2) Fis-6 ta' Mejju 2003 u fil granet ta' wara din id-data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBM-863 fuq vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni LCH-218;

(3) Fl-istess perijodu ta' zmien fuq imsemmi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni BBM-863 fuq vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru tar-registrazzjoni LCH-218;

(4) Fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 2003, ikkommetta serq ta' diversi ghodda mill-hanut bl-isem ta' "Kenneth Hardware Centre" sitwat fi Triq Santa Teresa, f'Haz-Zabbar, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Kenneth Pullicino minn Haz-Zabbar;

(5) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) u cioe` fl-imsemmi hanut bl-isem ta' "Kenneth Hardware Centre" ghad-detriment ta' Kenneth Pullicino minn Haz-Zabar;

(6) Fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Jannar 2003, fi Triq San Duminku, f'Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' CD player tal-marka Pioneer kif ukoll ta' "cheque book" tal-HSBC bin-numru 4442842047811001 minn go vettura tal-ghamla Kia bin-numru tar-registrazzjoni HAP-649, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Jean Claude Agius minn Haz-Zabbar;

(7) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin liri Maltin (Lm50) u cioe` fl-imsemmija vettura tal-ghamla Kia bin-numru tar-registrazzjoni HAP-649 ghad-detriment ta’ Jean Claude Agius minn Haz-Zabbar;

(8) Fit-18 ta’ Marzu 2003, bil-lejl, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, fi Triq Garibaldi, Marsa, ikommetta serq ta’ flus minn go fabbrika bl-isem ta’ “STV Electronics”, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u bil-hin, ghad-detriment ta’ Joseph Buttigieg minn Haz-Zabbar;

(9) Fit-18 ta’ Marzu 2003, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50), ghad-detriment ta’ Joseph Buttigieg minn Haz-Zabbar;

(10) Fit-18 ta’ Marzu 2003, bil-lejl, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ sett tat-televizjoni tal-marka “Radiomarelli”, kif ukoll ta’ diversi ghodda u cwievet, minn go vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru tar-registrazzjoni STV-003, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Joseph Buttigieg minn Haz-Zabbar;

(11) F’dawn l-ahhar xhur f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(12) F’dawn l-ahhar xhur f’dawn il-Gzejjer, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq, jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sar jaf;

(13) Sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(14) Fis-6 ta’ Mejju 2003 u fil-jiem ta’ wara din id-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru tar-registrazzjoni originali LCH-218, b’numru BBM-863 li jappartjeni vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni;

(15) Kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Dicembru 2001, f’liema sentenza kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin;

(16) Ikkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 18 ta’ Dicembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28H, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 289, 188, 189, 325, 334, 334A, 49, 50 tal-Kap. 9, l-artikolu 3(1)(2) tal-Kap. 104, l-artikolu 21 tal-Kap. 446, sabet lill-imsemmi Anton Vassallo hati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu r-ricettazzjoni tal-vettura Toyota Starlet numru LCH-218 izda mhux hati tas-serq aggravat ta’ l-istess vettura u minn tali imputazzjoni lliberatu, kif ukoll hati tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet (kif inkorporata fit-tieni), tar-raba’ imputazzjoni, tal-hdax, tat-tnax u tat-tlettax-il imputazzjonijiet izda ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra u minnhom illiberatu u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin, kif ukoll a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundannatu jhallas l-ispejjez ta’ l-espert Giuliana Scerri Ferrante nominata fil-kawza u ammontanti ghal Lm191.75, liema spejjez jithallsu fi zmien xahrejn minn meta jigi interpellat mir-Registratur biex ihallas u fin-

nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija addizzjonali bir-rata ta' jum ghal kull hames liri (Lm5) dovuti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anton Vassallo pprezentat fit-22 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet (kif inkorporata fit-tieni), tar-raba', tal-hdax, tat-tnax u tat-tlettax-il imputazzjonijiet, u fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez ta' l-esperti, kif ukoll tikkonfermaha fejn ma sabitux hati u lliberatu mill-bqija ta' l-imputazzjonijiet, thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tliet snin prigunerija u minflok tigi mposta piena ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-*pre-sentencing investigation report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-kuncett ta' *crime does not pay* m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tallum u l-iskop ta' piena llum mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda ta' rijabilitazzjoni, u piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva fic-cirkostanzi, partikolarment minhabba l-fatt li l-appellant temm programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga u baqa' jattendi r-*re-entry* anke wara li temm dan il-programm; (2) l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv; (3) huwa ghamel progress sostanzjali fil-personalita` tieghu kif jirrizulta mix-xiehda ta' Claudine Azzopardi.

Dawn l-aggravji jirrigwardaw il-piena nflitta mill-ewwel Qorti u, kif gie kostantement ritenut, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena

sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Minn ezami ta' l-artikoli relevanti tal-ligi applikabbli jirrizulta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghad li l-piena applikabbli dwar ir-raba' imputazzjoni hija ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad. Jigifieri l-anqas piena possibbli ghal dak ir-reat huwa ta' tmintax-il xahar prigunerija. Ma' dik il-piena mbaghad trid tizdied minn terz sa nofs tal-pieni dwar ir-reati l-ohra. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

**"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-**

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**dokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*. Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."**

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif <u>f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika</u>. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007).

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti osservat illi kienet kuntenta mill-progress li l-appellant (allura imputat) kien ghamel fil-hajja tieghu fis-sens li qata' l-vizzju li kellu t'abbuz tad-droga izda ma setghetx ma tqisx il-hsara li sofriet is-socjeta` minhabba l-agir tieghu u l-fatt li, ghalkemm kellu mpjieg regolari, ma ppruvax jikkumpensa l-vittmi tal-kaz in kwistjoni. L-ewwel Qorti rreferiet ghall-fedina penali ta' l-appellant u osservat li ma kienx tghallem mill-passat tieghu u allavolja ghamel ir-rijabilitazzjoni tieghu ma hassitx li kellha tkun klementi mieghu. Hija qalet ukoll li ma kinitx konvinta li l-appellant verament kellu problema ta' l-abbuz tad-droga peress illi qatt ma nstab hati ta' xi reat konness mat-tehid tad-droga u l-psikologa prodotta *in difesa* ma ghamlet l-ebda referenza ghal din l-allegata problema. Ghalhekk dehrilha li kellha timponi piena ta' prigunerija effettiva ghalkemm "mhux fil-massimu taghha".

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubbblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

**"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**

Din il-Qorti kellha quddiemha l-beneficcju ta' *pre-sentencing investigation report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon. Minnu jirrizulta abbondantement li l-appellant kellu problema ta' l-abbuz ta' l-eroina. Difatti jirrizulta li kien ghamel perijodu twil jattendi d-Detox Centre biex jiehu l-*methadone* u sussegwentement ghamel programm ta' rijabilitazzjoni f'Santa Marija. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti u li kjarament inducietha biex ma tesplorax metodi ohrajn ta' trattament, din il-Qorti hi soddisfatta li l-appellant <u>verament</u> kellu tali problema u ghalhekk <u>verament</u> kellu bzonn isegwi programm ta' rijabilitazzjoni. Skond l-istess rapport, l-appellant kien trawwem mic-cokon sabiex jaghmel xi serqiet zghar minghand tal-*grocers* u dik l-imgieba ghenitu sabiex, meta sar dipendenti fuq id-droga, jiffinanzja l-istess vizzju. Ir-rapport jindika kif il-mument tal-prova ghall-appellant wasal meta dahal fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ha d-decizjoni li jaghmel xi haga bis-serjeta` u fil-fatt dahal fil-programm residenzjali ta' Santa Marija. L-ufficjal tal-*probation* tghid li minn stharrig illi ghamlet, jidher li l-appellant "illum tefa' l-

passat warajh”, ghandu relazzjoni tajba mas-siehba tieghu u, meta inkiteb ir-rapport, kienu qed jistennew tarbija li l-appellant qed juri li lest jerfa’ r-responsabbilta` tieghu ghaliha. Hija rrakkomandat illi minflok sentenza karcerarju jigu esplorati sentenzi bbazati fil-komunita` b’enfazi fuq supervizjoni u b’konsiderazzjoni ta’ kumpens lill-vittmi.

Din il-Qorti taghmilha cara illi l-fatt li l-appellant kellu problema tad-droga ma jista’ b’ebda mod jitqies bhala xi attenwant ghall-finijiet ta’ piena. L-anqas ma jista’ jitqies bhala attenwant il-fatt li se jkollu, ossia issa li kellu, tarbija. Din il-Qorti pero` trid tipprova ssib il-bilanc mehtieg bejn il-fatt li l-appellant irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta` u l-fatt illi r-rijabilitazzjoni kompleta ta’ l-appellant tkun ta’ beneficcju mhux biss ghalih izda ghall-istess socjeta` li huwa jrid jirritorna fiha. Ghalhekk din il-Qorti trid thares hafna ‘l quddiem u tikkunsidra wkoll x’ikun l-ahjar mezz kif tista’ tipprotegi lis-socjeta` una volta l-appellant ikun mill-gdid liberu. Dak li din il-Qorti tqis notevoli f’dan il-kaz huwa t-tibdil kbir li jidher li sar fl-appellant li fil-prezent jinsab jiskonta sentenza ta’ prigunerija b’dan li gie riferut fic-centru ta’ rijabilitazzjoni ta’ Santa Marija fejn, minn dak li xehed Raymond Grech[2], jidher li l-appellant inghata fiducja kbira.

Ghalhekk, u wara li hasbet fit-tul dwar l-ahjar mod kif tittratta ma’ l-appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa’ r-rakkomandazzjonijiet li sarulha u taghmel ordni ta’ probation u servizz skond l-artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-ordni ghandu bosta vantaggi, fosthom li jkun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-*probation* filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu u jitghallem japprezza li hadd ma jista' jikser il-ligi b'impunita`.

Ghal dawn il-motivi:

---

[2] Seduta tat-2 ta’ Novembru 2007 a fol. 461 sa 468.

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-imsemmijin tieni u tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u minflok, a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446, tordna li l-imsemmi Anton Vassallo jitqieghed taht ordni ta' *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------